MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 364/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

Kevin Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi importati kontra l-imputat Kevin Aquilina ta' karta ta' identita' numru 539178(M), talli:

Matul ix-xahar ta' Ottubru 2003 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer seraq senter tal-marka Fausti b'numru ta' serje 48841 li jiswa aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) pero' anqas minn elf Lira Maltin (Lm1,000) ghad-detriment ta' Joseph Dalli liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz u l-hin.

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xejntement, b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Fausti b'numru ta' serje 48841 jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema huwa ppersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat bil-valur, mezz u hin, b'ricettazzjoni u b'offizi ohra kontra l-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-akkuza ta' serq u ricettazzjoni huma akkuzi alternattivi u fil-kaz in disanima huwa dak ta' ricettazzjoni li ghandu japplika kif tenniet l-istess prosekuzzjoni skond kif ivverbalizzat illum stess.

L-imputat, intant, ammetta volontarjaemnt u inkondizjonatament l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fuq tali ammissjoni l-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza.

Issib l-imputat hati tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuza. Rat l-Artikolu 334 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3, 19 u 25 tal-Kap

66 u tikkundanna l-imputat multa ta’ Lm100 li qeghdha tikkoncedilu li jhallas b’pagamenti ta’ Lm20 fix-xahar, l-ewwel pagament fl-ahhar ta’ Marzu 2005 u sussegwenti pagamenti kull l-ahhar ta’ kull xahar, konsekuttivament u ininterrottament, bid-dekadenza ta’ zmien f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament anka ghall-darba u konvertibbli fi prigunerija ta’ 15 il-jum.

Dwar it-talba ghall-konfiska tastjeni li tipprovdi stante proceduri pendenti kontra terzi li jolqtu l-istess arma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------